MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 425/2005

**Joseph Camilleri**

**vs**

**Karl Consiglio u Lawrence Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-22 ta' Lulju tas-sena 2005 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu lill-attur dik is-somma li din il-Qorti ai termini ta' l-Att dwar l-Istampa, tiddetermina bhala danni u riparazzjoni tal-malafama li huwa u n-negozju tieghu sofrew meta l-konvenut Karl Consiglio, bhala awtur, u l-konvenut Lawrence Grech bhala editur permezz ta' ittra ppubblikata fil-gurnal 'The Sunday Times', datat it-28 ta'

Novembru tas-sena 2004, ghamlu allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u tan-negozju tieghu, meta allegaw fost ohrajn li s-servizz fir-restaurant "La Trattoria", Marsalforn, Ghawdex huwa hazin hafna – "*worse than terrible*", li kienu servuti minn ragel xih u minghajr esperjenza, b'ghajjat minn sid ir-restaurant u dewmien intollerabbli fis-servizz;

2. Illi dawn l-allegazzjonijiet huma ghal kollox inveritjeri u ghamlu hsara lill-attur bhala sid ir-restaurant kif ukoll in-negozju tar-restaurant tieghu, "La Trattoria", Marsalforn, Ghawdex;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv;

4. Illi l-konvenuti gew debitament ingunti wkoll biex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Lawrence Grech datata l-4 ta' Awissu tas-sena 2005 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti;

1. Illi l-kummenti ppubblikati ma jikkostitwux malafama;

2. Illi in subsidium, jekk il-kummenti maghmula mill-konvenut l-iehor bhala awtur ta' l-ittra kienu malafamanti fil-konfront ta' l-attur, l-eccipjent kien ivverifika ma' l-istess korrispondent dwar il-korrettezza ta' l-allegazzjonijiet tieghu, u qaghad fuq il-bazi illi isem il-korrispondent kien se jkun ippubblikat ukoll;

3. Illi jekk in strictu jure l-eccipjent huwa responsabbli bhala editur skond il-Ligi ta' l-Istampa, ghandu jigi apprezzat illi l-editur ma kienx agixxa b'mod irresponsabbli jew malizjuz izda safa vittma ta' korrispondent li kien sincier u veritier;

Innotat li effettivament il-konvenut Karl Consiglio, ghalkemm jirrizulta li ppartecipa attivament fil-procedura

odjerna ghazel li ma jipprezenta l-ebda eccezzjoni in difeza tieghu;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Tiddikjara li hu debitament assodat li l-konvenut Karl Consiglio u l-konvenut Lawrence Grech huma rispettivament l-awtur u l-editur inkriminati;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-procedura odjerna taf l-origini taghha lill-artikolett taht il-firma tal-konvenut Karl Consiglio migjub fil-harga ta' "The Sunday Times" tat-28 ta' Novembru tas-sena 2004 bhala addenda fil-pagna intestata "Mona's Meals";

2. Illi l-konvenut kontribwent ghazel li jillumina lill-qarreja bl-esperjenza li hu allega li ghadda meta flimkien mat-tfajla tieghu mar jippranza f'post li jidentifika bi kjarezza bhala "La Trattoria", f'Marsalforn, Ghawdex;

3. Illi f'din l-ittra indirizzata lill-"Mona" il-konvenut artikolist isostni s-segwenti:

i. Illi l-uniku persuna li kien qed iservi lill-klijenti kien ragel xih minghajr ebda esperjenza;

ii. Illi sid ir-restaurant kien qed jigri ma' kullimkien, jirrabja mar-ragel xih u johloq tensjoni generali;

iii. Illi aktar tard l-affarijiet aggravaw ruhhom;

iv. Illi l-ordni ta' l-artikolist intesa;

v. Illi semghu lil xi hadd jghajjat l-ordni taghhom lill-kok xi siegha wara li huma kienu effettivament ordnaw;

vi. Illi sal-hin li fih waslet l-ordni fuq il-mejda, l-artikolist u t-tfajla tieghu kienu tilfu l-aptit;

vii. Illi l-uniku servizz zvelt offrut kien il-produzzjoni tal-kont;

viii. Illi meta s-sid ingibditlu l-attenzjoni ghal dawn l-inefficcjenzi kollha, bil-herra rrifjuta li jikkumpensahom;

4. Illi l-attur hassu ferm aggravat ghall-kontenut ta’ l-imsemmija ittra stante li kif isostni jidher li hu ferm attent biex izomm livell tassew gholi fl-intrapriza gestita minnu u dan, ghal gieh tieghu u tal-familja tieghu li diversi membri taghha jirrizultaw li huma mpjegati fl-imsemmi fond;

5. Illi effettivament peress li l-attur ma adottax politika ta’ reklamar aggressiv, u jippreferi jistrieh fuq reklamar dirett mill-istess klijenti li jippatrocinawh, l-ittra de quo kellha effett devastanti fuq l-intrapriza u ddemoralizzat u demotivat lill-gesturi involuti;

6. Illi tant jirrizulta li l-attur izomm polz sod fuq l-intrapriza tieghu li kien effettivament cert li l-incident fuq indikat qatt ma sehh fil-fond gestit minnu;

7. Illi effettivament mill-ewwel ta struzzjonijiet biex javverixxi ruhu mid-dritt tar-replika taht il-ligi ta’ l-Istampa liema replika jirrizulta li giet ippubblikata fl-istess gurnal settimanali u bl-istess prominenza fit-2 ta’ Jannar tas-sena 2005, (ara fol 20);

8. Illi pero’, u dan b’certu arja ta’ superjorita’ inutili, wara din l-ittra ta’ l-attur l-Editur ghazel li jinnota li l-konvenut Consiglio kien gie kkuntattjat in konnessjoni ma’ din l-ittra ta’ l-attur u li dan ikkonferma li l-ittra originali

tieghu tat-28 ta’ Novembru tas-sena 2004 kienet effettivament tirreferi ghall-fond gestit mill-attur;

9. Illi fl-ahharnett l-attur isostni li minhabba l-istess ittra tat-28 ta’ Novembru tas-sena 2004 u minhabba n-nota edittrici tat-2 ta’ Jannar tas-sena 2005, tant naqsitlu l-klijentela li kien allura kostrett jaghlaq ghal perjodu ta’ ftit zmien;

10. Illi ghalhekk kien kostrett jintavola l-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut Consiglio, in sintesi, isostni s-segwenti:

1. Illi hu kien l-awtur ta’ l-ittra li tat lok ghall-procedura odjerna u li kien ghamel hekk ghaliex kien ha ghalih;

2. Illi l-konvenut Consiglio jikkonferma wkoll li kien ikkuntattjat mill-gurnal de quo fuq il-kwistjoni biex jaraw jekk kienx ha xi zball izda kien infurmahom li ma kienx zbalja;

3. Illi jsostni li kien proprju biss fl-udjenza tas-26 ta’ April tas-sena 2006 quddiem din il-qorti kif preseduta li hu kien sar jaf li kien indika intrapriza ghal kollox erronea fejn graw l-allegati incidenti;

4. Illi pero’ jkompli b’kontradizzjoni ghal dak riprodott fil-paragrafu precedenti, li meta sar jaf bl-izball li kien ha fl-indikazzjoni ta’ l-intrapriza, jidher li kien kiteb ittra ohra lill-istess gurnal fejn apologizza ghall-inkonvenjent li kkaguna lill-attur;

5. Illi jsostni li ddispjacih ghall-akkadut;

Ikkunsidrat:

Illi jigi nnotat li ghalkemm l-editur ikkoncernat kien celeri jirrimarka li kien ivverifika mas-sors tieghu, liema sors ma

tantx jirrizulta affidabbli, u dan, wara l-ittra ta' l-attur datata t-2 ta' Jannar tas-sena 2005, jirrizulta li l-konvenut Grech baqa' ghal kollox sieket wara l-apologija tal-konvenut riprodotta fil-gurnal tieghu stess fis-26 ta' Frar tas-sena 2006;

Illi dan in-nuqqas hu tassew mistmerr minn din il-qorti ghaliex juri mala fede fil-komportament tal-konvenut Grech peress li ma wzax l-istess mizura komportamentali meta kien issa assodat li kien sar zball grossolan;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut Consiglio, kif gia' intqal, ma ghazilx li jiddefendi ruhu;

Illi pero' l-konvenut Grech, li jirrizulta li hu effettivament registrat bhala editur tal-gurnal de quo skond il-ligi, ghazel li jippersisti fit-triq tieghu li jiddefendi l-agir tieghu ad oltranza – haga li hi ovvjament fil-limiti legali lilu koncessi;

Illi biex jipprova jiskopla lilu nnifsu l-istess konvenut Grech ghazel li jistrieh fuq is-segwenti:

1. Illi l-kummenti tal-konvenut Consiglio kontenuti fl-ittra minnu ppubblikati fil-gurnal tieghu ma humiex malafamanti;

2. Illi peress li ghamel il-verifiki tieghu allura ma jistax ikun kolpit mill-id twila tal-ligi;

3. Illi m'agixxiex b'mod irresponsabbli jew malizjuz izda kien vittma tac-cirkostanzi;

Ikkunsidrat:

Illi din il-qorti tqis tali difiza mhux biss bhala nuqqas ta' serjeta' fil-konfront ta' l-attur izda tqis l-istess bhala inkorretta, mal indikata, inutilment pretenzjuza u ultimament kontra l-interess ta' l-oghla aspirazzjonijiet

editorjali li ghandhom ikunu l-mira ta’ kull editur ghaliex mhux accettabbli li wiehed jipprova jezimi mir-responsabbilitajiet editorjali tieghu billi jallega l-verifika meta din tirrizulta li kienet wahda superficjali, mal-gwidata u ovvjament mhux ta’ min jiddependi fuqha;

Illi l-verifika vera tippretendi ferm aktar min hekk, fosthom verifika mal-mira ta’ l-artikolu, senjatament l-attur Camilleri, li ma tirrizultax li giet effetwata;

Illi in oltre, meta gie skopert l-izball l-editur konvenut ghazel li ma jaghmel xejn fir-rigward hlief li jistahba wara haddiehor;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni din il-qorti ma tistax tara l-logika tal-konvenut Grech;

Illi meta wiehed isib ruhu sparpaljat ma’ l-erbat irjieh u akkollat b’agir nefast ta’ haddiehor, din il-qorti ma tistax tifhem kif il-konvenut Grech kellu l-ardir isostni li dan ictu oculi ma jikkostitwix malafama;

Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, dan hu kaz klassiku fejn il-freccjati ndirizzati mill-konvenut korrispondent gew imwassla mill-qaws tal-konvenut Grech u kkagunaw danni rreparabbli lill-attur;

Illi hawn din il-qorti tieghu l-ispunt li bhal ma jezisti f’gurisdiszzjonijiet ohra progrediti, jekk il-ligi taghna ta’ l-Istampa  ghandha verament tkun effettiva w effikaci ghandha tizviluppa wkoll il-procedura tal-allokazzjoni ta’ danni civili biex b’hekk tevita l-multiplikazzjoni ta’ proceduri, tkun aktar parsimonjuza fi zmien sad-decizjonijiet finali u ddahhal serjeta’ editorjali li ma tippermettihiex tistahba taht is-sahha gurnalistika fil-konfront ta’ cittadin inerm;

Ikkunsidrat:

Illi fil-konfront tat-tieni eccezzoni ghandu jinghad li jekk il-verifiki jsiru b'dan il-mod kif il-konvenut jafferma li ghamel, allura jirrizulta li wahda mill-aktar gurnali blazonati lokalment hija tassew inaffidabbli;

Illi ghandu jkun pacifiku li verifika serja ghandha timmerita ferm aktar dispendju ta' energija minnu dak li jirrizulta li sar;

Illi in effetti jirrizulta li l-editur ikkoncernat qieghed biss jinheba wara l-kelma u mhux jattwaha;

Ikkunsidrat:

Illi rigward it-tielet eccezzjoni minnu sollevata li ma kienx malizzjuz fl-agir tieghu, ghandu jinghad li dan ma jirrizultax lil din il-qorti;

Illi in effetti jirrizulta minflok li l-editur de quo ghazel li jipprecipita mill-ewwel fl-istampa billi jahtaf l-okkazjoni li jimminimizza l-isforz korrettorju kontenut fl-ittra ta' l-attur tat-2 ta' Jannar tas-sena 2005 u jintrometti ruhu direttament fil-vertenza, izda naqas li juza l-istess metodu u kejl wara l-ittra tal-konvenut Consiglio datata is-26 ta' Frar tas-sena 2006;

Illi ghalkemm xorta wahda kienet tkun tardiva, pero' nota ta' l-editur fl-istess linja ta' dik precedenti li pero', din id-darba, juza mhux biex jinfjerixxi izda biex jiskuza ruhu ghall-akkadut, kienet tfisser hafna mhux biss ghall-attur, izda zgur ghal din il-qorti;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess qed tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut editur Lawrence Grech u tawspika agir aktar serju minn gurnal li ghandu hafna storja x'jiddefendi;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess tilqa' t-talbiet attrici u :

1. Tiddikjara li l-konvenut Karl Consiglio u lil Lawrence Grech immalafamaw lill-attur Joseph Camilleri permezz ta' ittra ppubblikata f'"The Sunday Times" tat-28 ta' Novembru tas-sena 2004;

2. Illi tenut kont ta' l-apologija tardiva tal-konvenut Consiglio u tad-difiza intransigenti tal-konvenut Grech, tikkundanna lill-konvenut Karl Consiglio biex ihallas lill-attur Joseph Camilleri s-somma ta' mitejn u hamsin Lira Maltin, (LM250.00,0), u lill-konvenut Lawrence Grech biex ihallas lill-attur Joseph Camilleri is-somma ta' tlett mitt Lira Maltin, (LM300.00,0), bl-ispejjez ta' din il-procedura jinqasmu ugwalment bejn l-imsemmija konvenuti.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------